MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 948/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Rita Pace (K.I. 583364M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet mija tmienja u tmenin ewro u sitt centezmi (€388.06) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 421858 rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li  l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru, 2010, u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------